MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 300/2010

**A B**

**-vs-**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-1 ta' Novembru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat fit-2 ta' April 2003, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat (Dok. MP1);

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi dan iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u l-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli peress li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali u rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' adulterju, abbandun, eccessi, sevizzi u ta' ingurji gravi fil-konfront taghha;

Illi nfethet medjazzjoni mir-rikorrenti u in vista tac-cirkostanzi, il-medjazzjoni nghalqet b'Digriet Nru: 1058/2010 hawn anness u mmarkat (Dok. MP2) moghti minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk qieghda ssir din il-kawza odjerna;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, ingurji gravi u ragunijiet ohra mputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-intimat;

Tapplika l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta (1984 ed) in toto jew in parte kontra l-intimat u favur l-attrici, u ghalhekk tiddikjara illi l-initmat, b'effett mid-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala data minn meta l-istess konvenut irrenda ruhu hati tal-firda, iddekada minn sehemu fil-komunjoni tal-akkwisti, tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni qabel u wara z-zwieg jew b'titolu gratwitu iehor minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, kif ukoll kull jedd ghan-nofs tal-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma tal-attrici, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici u tiddikjara inoltre illi l-intimat iddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mill-attrici;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tiddividi u tassenja l-assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti f'ishma li mhux necessarjament ikunu ugwali stante li l-intimat qatt ma kkontribwixxa xejn ghall-komunjoni, kif ukoll ma jitqies intitolat ghall-akkwisti maghmulin bix-xoghol tar-rikorrenti okkorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuraturi sabiex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

Tikkundanna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni parafernali taghha;

Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-1 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi tal-assenti C D.

Rat ir-risposta guramentata tal-istess kuraturi fejn dawn issottomettew:

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

<u>Firda</u>

Ir-rikorrenti f'din il-kawza qed titlob li tigi dikjarata l-firda bejnha u zewgha. Il-partijiet zzewgu ftit wara li ltaqghu. Ir-rikorrenti hija Maltija u r-ragel Sirjan. Meta, wara ftit li zzewgu, ir-ragel beda jinsisti li jmur lura ghal xi zmien f'pajjizu wahdu, beda d-dizgwid bejniethom. Meta kien ikun Malta, qajla kien jaghti kaz martu, sakemm sparixxa minn hajjitha kompletament u baqghet qatt ma semghet b'ahbaru. Dan kollu huwa pruvat bix-xhieda prodotti fil-

kawza partikolarment l-affidavit tar-rikorrenti stess u tal-familjari u hbieb taghha.

Ikkunsidrat illi l-attrici f'din il-kawza rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-agir zewgha l-konvenut fil-fatt kien kawza tal-firda, senjatament minhabba l-abbandun da parti tal-istess zewgha.

Ikkunsidrat ukoll li, galadarba ma ngabet lill-Qorti ebda prova la ta' mezzi tal-partijiet u lanqas tal-bzonnijiet tal-attrici, il-Qorti ma tistax tqis it-talba ghall-manteniment.

L-unika proprjeta' tal-komunjoni hija karozza tal-marka Fiat Punto bir-registrazzjoni XIC 827. Din qeghda tigi assenjata lill-attrici li qeghda effettivament thallas id-dejn fuqha.

Galadarba l-htija tal-firda hija kollha tar-ragel, il-Qorti qeghda tapplika in toto, is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili.

<u>Minuri</u>

Ir-rikorrenti f'din il-kawza llum ghandha tifla minn relazzjoni ohra. Din it-tifla giet registrata bhala wild zewgha stante li qatt ma kien hemm separazzjoni bejn il-partijiet. Il-Qorti qed tafda l-kura u kustodja tal-istess tifla f'idejn l-omm.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut ragel;

2. Tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Art. 48 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn l-omm;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’dana illi l-vettura XIC 827 tigi assenjata lil A B.

L-ispejjez jithallsu minn C D b’dana pero’ li, provvisorjament l-ispejjez tal-kuraturi jithallsu mill-istess A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------